# Koperattivi għall-ħaddiema tal-Gvern (Skema A)



1 □ Seba' (7) ħaddiema jew iżjed li qegħdin fuq skali ta' salarju 8 sa 20, jistgħu jirreġistraw flimkien bħala Koperattiva tip A, mal-Bord tal-Koperattivi u permezz tal-Koperattiva tagħhom ikunu jistgħu jikkompetu għall-ksib ta' *tenders* ta' xogħol maħruġa fost l-oħrajn mill-Kunsilli Lokali, Dipartimenti tal-Gvern u Intrapriżi oħra.

2 □ Ma jkunx hemm obbligu li jiġi depożitat "*performance bond*" jekk u meta dawn il-ħaddiema f'Koperattiva jirbħu *tenders* għal xogħol ma' Dipartimenti tal-Gvern.

3 □ Ħaddiema f'Koperattiva jistgħu jibbenefikaw mir-"*right of first refusal*" fuq *tenders* tal-Gvern jekk ikun żgurat minn qabel li x-xogħol tal-kuntratt/i mirbuħ/a jkun ser jinħadem kollu minn ħaddiema tal-Gvern.



4 □ Ħaddiema tal-Gvern li jagħżlu li jissieħbu f'Koperattivi tip "A", u li jirbħu *tender/s* kif spjegat hawn fuq jingħatalhom *unpaid leave on grounds of public policy*. Dan ifisser li l-ħaddiema membri tal-Koperattiva jitqiesu li għadhom qed jagħtu servizz mal-Gvern matul il-perjodu li fih ikunu qegħdin jaħdmu bħala msieħba f'Koperattiva. Dan ifisser ukoll li dawn il-ħaddiema ma jitilfu xejn mid-drittijiet li huma jgawdu bħala mpjegati tal-Gvern, li huma:

- is-sigurtà ta' l-impjieg
- *seniority* fil-grad
- *national increments* fil-pagi (il-kunċett ta' *national increment* ifisser li wieħed jitla' t-tarġa ta' *increment* kull tnax-il xahar, matul il-perjodu li jkun *on unpaid leave on grounds of public policy*, daqs li kieku ma kienx bil-*leave*)
- dritt li japplikaw għal promozzjonijiet interni
- drittijiet ta' pensjoni (inluża s-*service pension*)
- promozzjonijiet u ċaqlieq fl-iskali (*progression*)



5 □ Ħaddiema msieħba f'Koperattiva tip "A" jkunu ntitolati għal drittijiet oħra (bħal *vacation leave, sick leave, bonus*) fuq bażi pro rata, f'dawk il-perjodi li jkunu jaħdmu mal-Gvern u mhux mal-Koperattiva.

6 □ Il-perjodu li matulu ħaddiema tal-Gvern jaħdmu bħala msieħba f'Koperattiva huwa miftuħ u ndefinit. Dan il-perjodu però ma jistax ikun anqas miż-żmien tal-kuntratt/i ta' xogħol li l-ħaddiema jkunu rebħu bħala Koperattiva.



7 □ Kemm il-Gvern kif ukoll dawk il-ħaddiema f'Koperattiva jkomplu jħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (N.I.) skond il-grad sostantiv li l-ħaddiema jkollhom mal-Gvern. Jekk mingħand il-Koperattiva jirċievu salarju ogħla minn dak tal-grad sostantiv tagħhom mal-Gvern, id-differenza fil-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali trid titħallas bejn il-Koperattiva u l-ħaddiema msieħba.

8 □ Ħaddiema nteressati biex iwaqqfu jew jissieħbu f'Koperattiva tip "A" iridu japplikaw biex jirreġistraw bħala Koperattiva għand il-Bord tal-Koperattivi. Għall-*leave* speċjali jridu japplikaw, permezz tad-Direttur tagħhom, għand id-Direttur (Corporate Services) tal-Ministeru tagħhom. Dan jawtorizza l-*leave* bla ħlas *on grounds of public policy*, wara li jaċċerta ruħu mid-dokumentazzjoni meħtieġa li l-impjegati konċernati jkunu ssieħbu f'Koperattiva. Dan il-*leave* ma jinżammx ħlief għal raġuni valida.